MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 264/2011

A B

vs

C DI.D. 26387(M) u b' digriet tal-11 ta' Ottubru 2011 l-Avukat Dr Noel Bartolo u l-PL Veronica Rossignaud gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri E u b' digriet tat-8 ta' Ottubru 2012 gie kjamat fil-kawza id-Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi fit-2 ta' Lulju 2006, gewwa l-Isptar San Luqa, il-Pieta' twieldet minuri bl-isem ta' E D mill-konvenuta C D u missier mhux maghruf, u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-twelid markat Dok. A.

Illi kif se jigi pruvat fil-kors tal-kawza, il-minuri E D  hija l-wild naturali ta’ l-attur.

Illi minkejja interpellazzjoni gudizzjarja sabiex il-konvenuta C Dtaccetta r-registrazzjoni ta’ l-attur bhala missier it-tifla minuri, u dan ai termini ta’ l-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-konvenuta baqghet inadempjenti, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. B.

Illi l-attur ma baqaghlu l-ebda alternattiva ohra sabiex jirrikonoxxi lil bintu minuri hlief illi jintavola dawn il-proceduri.

Talab ghar-ragunijiet premessi, previa kull dikjarazzjoni necessarja u opportune, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E D.

**2.** Tordna illi c-certifikati tat-twelid tal-minuri E D jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata ‘Isem u kunjom missier it-tarbija’, jigu inseriti dawn il-konnotati u cioe’: **A B, xufier, Eta’ 28 sena; Karta ta’ l-identita’ 589977 (M), bin Carmelo u Elizabeth nee’ Saliba, imwieled Pieta’ u residenti Paola.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluza l-ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Frar 2010.

Il-konvenuta hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u PL Veronica Rossignaud, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati

minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati;
2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi huwa minnu li l-bint minuri E D hija l-bint naturali tal-attur, pero tirrileva illi kien l-istess attur li mat-twelid tal-minuri imsemmija irrifjutali jirrikonixxiha bhala bintu;
2. Illi f'kull kaz li din il-Qorti tilqa it-talbiet tal-attur, fl-ahjar interess tal-minuri ghandu jigi ordnat li l-istess izzomm il-kunjom taghha u cioe' D;
3. Illi l-esponenti ma ghandha tbati ebda spejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi għar-rigward il-minuri E kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa' l-ewwel t-talba attur l-esponent jinvita lill-attur A B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu **meta twieldet** il-minuri E, (2) il-post ta' residenza tiegħu **meta twieldet** l-imsemmiha minuri, u (3) jekk missier A B kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla E. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi

eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid ta' E bin-numru ta' reġistrazzjoni 2112 tas-sena 2006;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri E a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attur u cioe' l-allegat missier naturali tal-minuri E D, sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmija minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-istess attur bhala l-missier naturali minflok ma tibqa' bhala wild ta' *unknown father*.

**<u>Il-Verzjoni tal-attur</u>**

[1] Esebit a fol 3 tal-process

Illi l-attur jibda billi jghid li l-minuri E D twieldet frott tar-relazzjoni li huwa kellu mal-intimata C D. Wara li jispjega l-aspett legali tal-kaz fis-sens li jindika x'passi ha qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna fejn qed jitlob li jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-istess minuri (inkluz li huwa baghat l-ittra ufficjali msemmija aktar 'il fuq), l-attur jghid ukoll li meta jara lil bintu fil-prezenza ta' ommha, din tal-ahhar tigbed lit-tifla sabiex lanqas biss ikollu c-cans li jaraha. Jiddikjara wkoll li huwa lest li jissottometti ruhu ghal kwalukwe test sabiex il-paternita' ta' din il-minuri tigi stabbilita b'mod definittiv.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

Permezz tar-risposta guramentata taghha, l-intimata tikkonferma li l-minuri E D hija fattwalment bint l-attur izda zzid tghid li c-certifikat tat-twelid ma jirriflettix dan ghaliex kien hu stess li rrifjuta li jirrikonoxxiha bhala bintu. Tghid ukoll li f'kaz li il-Qorti joghgobha tilqa' t-talbiet tal-attur, il-minuri ghandha zzomm il-kunjom prezenti taghha u cioe' D.

**<u>Il-kaz Odjern</u>**

Illi il-Qorti taghmel referenza ghall-ittra ufficjali datata l-4 ta' Frar 2010 esebita a fol 4 tal-process, liema ittra giet mibghuta mill-attur lill-intimata u li permezz taghha interpellaha sabiex taccetta li huwa jirrikonoxxi l-minuri msemmija bhala bintu naturali. Issir referenza wkoll kemm ghar-risposta guramentata tal-intimata fejn tikkonferma li l-minuri hija fattwalment bint l-attur izda fuq kollox ghat-test ta' DNA[2] u li permezz tieghu gie konfermat li l-attur huwa verament il-missier tal-istess minuri.

Illi jigi rilevat ukoll li mir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kienx hemm eccezzjonijiet ta' natura legali hlief ghat-tielet eccezzjoni relatata mal-kunjom li ghandha tassumi l-minuri u dan a tenur tal-Artikolu 92(6) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jghid hekk:

---

[2] Esebit a fol 62 tal-process

"***Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew ta' kull artikolu ieħor fil-Kodiċi, meta l-paternità ta' persuna tkun ġiet magħrufa jew il-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-Qorti, jew tkun saret tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull min b'konsegwenza ta' dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-Qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-Qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-Att ta' twelid rilevanti ta' min ikun ġie hekk magħruf jew li tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu jew li dwaru għandha tapplika dik il-preżunzjoni***".

Illi il-Qorti tirrileva li r-rikweziti msemmija fl-artikolu citat hawn fuq ma gewx sodisfatti u dan *stante* li t-talba ghall-kunjom tal-minuri biex tibqa' D ma saritx. *Di piu'* tali talba ma setghetx issir mill-intimata omm izda kellha necessarjament issir mill-kuraturi *ad litem* li qed jirrapprezentaw lill-minuri f'dawn il-proceduri. *Stante* dan in-nuqqas u *stante* li jirrizulta mill-atti li hija x-xewqa tal-partijiet li l-minuri ggib iz-zewg kunjomijiet tal-genituri taghha, allura il-Qorti qieghda b'applikazzjoni tal-Artikolu 92(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta' B D.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti taghmel referenza ghan-nota tal-attur[3] u li permezz taghha indika d-dettalji rikjesti u konsegwentement, din it-tieni eccezzjoni giet survolata.

---

[3] Esebita a fol 69 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E D  u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri b’dan illi kunjom il-minuri ghandu jkun B D.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------